MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru. 1135/2008

**Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Sinclair Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sinclair Mifsud ta' 33 sena, iben Emanuel u Margaret nee' Cachia, imwieled 26 ta' Settembru 1975, Pieta' u residenti 1, Triq ta' l-Mdawra, Limiti tan-Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 464675(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F' dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu (05:00am), gewwa l-istabiliment Vinyl li jinsab Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Joseph Falzon, skond kif iccertifikat mit-tabiba Dr. Myriam Farrugia MD.

2. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' mobile phone tal-marka Nokia, mobile tal-marka Samsung, mobile tal-marka LG u arlogg ta' l-idejn tal-marka Alange & Sohne ghad-dannu ta' Joseph Falzon.

3. Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Falzon jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti (Art 383 ta' Kap. 9).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Novembru 2008 esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Frar 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Saret it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li allegatament inqalghat fit-12 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tal-5.00am fil-bar bl-isem ta’ Vinyl, li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan bejn l-imputat u l-parti civili certu Joseph Falzon. L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Joseph Falzon, kif ukoll talli ikkaguna hsara involontarja fi tlett mobile phones u f’arlogg tal-polz propjeta’ tal-parti civili Joseph Falzon kif ukoll talli volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.  Mill-atti processwali jirrizulta li l-parti civili Joseph Falzon xehed fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009 fejn dan ta rakkont ghal kollox ambigwu u konfuzjonarju dwar dak li allegatament gara. Huwa fil-fatt qal li nqala’ argument bejnu u bejn l-imputat meta f’hin minhom bdew gejjin id-daqqiet u sahansitra qala’ daqqa ta’ flixkun. Huwa qal li kellu griehi f’imniehru u tilef xi oggetti tal-gojjellerija u telephone cellulari. Dan ix-xhud fl-ebda hin ma specifika minghand min kien qala’ id-daqqiet jew min bejnu u bejn l-imputat kien beda l-glieda. Huwa l-anqas ma gab ebda prova tal-hsara li allegatament giet kawzata lilu jew b’xi mod indika min kien ikkaguna l-istess hsara.

L-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 8 u 9 tal-process kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2009 dejjem sostna li huwa kien qed jiehu drink ghal-affari tieghu fl-imsemmi bar meta gie Joseph Falzon li hatfu minn ghonqu, huwa ghall-ewwel hasbu qed jiccajta izda dan kompla jigbdu minn ghonqu u sahansitra qattalu l-qmis . L-imputat jghid li huwa imbotta lil din il-persuna sabiex jiddefendi ruhu, it-tnejn spiccaw mal-art u huwa kompla jiddefendi ruhu sakemm gew in-nies tas-security u harguhom barra.

Iz-zewg xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, Abigail Muscat u Nicole Bonanno li t-tnejn xehdu fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2009 ikkoroboraw pjenament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Falzon u li

involontarjament ikkaguna hsara fil-propjeta’ tal-imsemmi Falzon.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputazzjonijiet migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Kull ma rrizulta fil-fatt huwa li kien il-parti civili li qala’ l-argument u li aggredixxa lill-imputat u dan tal-ahhar kull ma ghamel kien li ddefenda lilu nnifsu. Ghal kull buon fini irid jinghad li l-parti civili Joseph Falzon deher fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2009 fejn irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------